MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2014

Numru. 204/2008

**Il-Pulizija**

**(Spettur Pierre Grech)**

**vs**

**Fernando Mark Muscat**

**Illum, 6 ta' Gunju 2014**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Fernando Mark Muscat, ta' 24 sena iben Emanuel u Maria nee` Saliba, imwieled Pieta` fit-22 ta' Novembru 1983 u residenti 18, St. Anthony, Triq Alfonse Maria Galea, Iklin u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 592783(M):

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fit-8 ta' Settembru 2008 u matul l-ahhar erba' snin qabel din id-data b'diversi atti maghmulin fi zmenijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

a) Ittraffika, biegh, qassam jew offra li jittraffika, jbiegh jew li jqassam medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Ghandhom x'Jaqsmu Maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti Dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985, kif emendati;

b) Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Ghandhom x'Jaqsmu Maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti Dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati, liema medicina nstabet f'tali cirkostanzi li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

c) Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta'

Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

d) Kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti, inkluz l-Ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u il-Professjonijiet li Ghandhom x'Jaqsmu Maghha (Kap. 31) u l-Ordni tal-istess Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tal-21 ta' Gunju 2013, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qeghdin jezentaw lil din il-Qorti kif presjeduta, milli terga' tisma' l-provi mressqa f'din il-kawza sa dakinhar, b'dan illi d-difiza zammet ferm il-posizzjoni taghha dwar ix-

xhieda ta’ Anthony Esposito mressqa mill-Prosekuzzjoni, liema posizzjoni tad-difiza tirrizulta mis-sottomissjonijiet taghha bil-miktub (a fol. 60 sa 62 tal-process), kif ukoll mit-trattazzjoni taghha dwar l-istess punt (a fol. 94 sa 100 tal-process);

Rat ukoll illi fl-ewwel udjenza ossia fil-prezentata u waqt l-ezami tieghu, l-imputat irregistra ammissjoni fir-rigward tat-tielet imputazzjoni migjuba kontra tieghu, ossia dik ta’ pussess illegali ta’ droga kokaina.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

**Kunsiderazzjonijiet Dwar Htija**

L-ewwel imputazzjoni – traffikar tal-pilloli *ecstasy*

Fis-seduta tat-22 ta’ Settembru 2008, **l-Ispettur Pierre Grech**[1] xehed illi fil-lejl ta’ bejn is-7 u t-8 ta’ Settembru 2008, pulizija mid-*Drug Squad* li kienu xoghol fl-inhawi ta’ *Numero Uno Discotheque* limiti tar-Rabat, arrestaw persuna li fuqha nstabu ammont ta’ pilloli *ecstasy.* Wara l-interrogazzjoni ta’ din il-persuna u minn investigazzjoni ulterjuri, rrizulta lill-pulizija l-involviment tal-imputat. Ghalhekk il-pulzija marru fir-residenza tal-imputat, fejn ghamlu tfittxija u sabu ammont ta’ pilloli – izjed minn ghoxrin – suspettati *ecstasy* u diversi boroz tal-*plastic* zghar bi tracci suspettati kokaina. L-Ispettur Grech xehed illi matul l-interrogazzjoni tieghu, l-imputat innega xi nvolviment fil-bejgh ta’ droga, ghalkemm ammetta li kien jabbuza ta’ spiss mid-droga kokaina u tant kien dipendenti fuq din id-droga illi wara li kien jabbuza minnha, huwa

[1] A fol. 24 sa 26 tal-process.

kien ihalli l-boroz fejn instabu sabiex meta ma jsibx kokaina fl-idejn, ilaqqat l-istess droga minn dawn il-boroz. Ix-xhud esebixxa l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat fit-8 ta' Settembru 2008. Fis-seduta tas-26 ta' Settembru 2008, l-istess xhud prezenta wkoll *mobile* li gie elevat mir-residenza tal-imputat, li madankollu, fir-rigward tieghu, ma saret l-ebda talba biex jigi estratt il-kontenut tieghu.

Fl-istess seduta xehed ukoll **PC 1348 Joseph Campbell**[2], li qal illi fil-lejl ta' bejn is-7 u t-8 ta' Settembru 2008, kien qieghed xoghol mal-kollegi tieghu fl-akkwati tan-*Numero Uno* meta nnutaw zghazugh ta' madwar sittax-il sena. Dan gie mwaqqaf u fil-pussess tieghu nstabu xi pilloli suspettati *ecstasy.* Meta gie mitkellem mill-pulizija dan iz-zghazugh iddecieda li jikxef minn fejn kien gab dawn il-pilloli u fil-fatt l-pulizija marru mieghu lejn l-akkwati tal-Iklin, fejn dan indikalhom bieb u qalilhom isem l-imputat. Saret tfittxija fir-residenza tal-imputat u tal-genituri tieghu xi t-3:00 a.m., fejn minn fuq gwardarobba l-imputat stess tahom borza b'xi pilloli li huma ssuspettaw li kienu *ecstasy*, ghalkemm l-imputat insista li dawn ma kinux *ecstasy.* Minn tfittxija ulterjuri fil-kamra tieghu u gewwa vazun, instabu boroz tal-*plastic* bi trab suspettat kokaina. L-imputat gie arrestat ghal izjed stharrig. Din ix-xhieda giet ikkonfermata mix-xhieda ta' **PS 1044 Gordon Calleja**.[3]

Fis-seduta tas-26 ta' Settembru 2008, xehed **l-Ispizjar Mario Mifsud**[4], li pprezenta r-relazzjoni tieghu[5], fejn ikkonkluda illi a) l-24 pillola ta' lewn celesti b'forma ta' qalb, li nstabu fil-pussess tal-imputat, instabet fihom is-sustanza *Methandienone*, li hija *anabolic steroid* u mhix ikkontrollata bil-ligi; b) is-27 pilloli li nstabu fil-pussess ta' Anthony Esposito instabet fihom is-sustanza *3,4-Methylenedioxymethamphetamine (MDMA)* li hija *central stimulant* u kkontrollata bil-ligi taht it-Tielet Skeda Parti A tal-Kap. 31; c) fit-tracci ta' trab abjad li kien hemm fuq zewg bicciet tal-plastik li kienu fil-pussess tal-imputat, instabet fihom is-sustanza kokaina u d) fit-tracci ta' trab abjad li kien hemm

[2] A fol. 31 sa 33 tal-process.
[3] A fol. 34 u 35 tal-process.
[4] A fol. 46 sa 48 tal-process.
[5] A fol. 49 tal-process.

f'ghaxar boroz zghar tal-plastik li wkoll kienu fil-pussess tal-imputat, instabet fihom is-sustanza kokaina.

Il-Prosekuzzjoni esebiet xhieda guramentata ta' **Anthony Esposito**[6] ta' sittax-il sena, moghtija minnu fid-9 ta' Settembru 2008 quddiem il-Magistrat Inkwerenti Dr. Consuelo Scerri Herrera. Huwa xehed illi huwa ilu jbiegh id-droga *ecstasy* ghal dawn l-ahhar gimghatejn u li din id-droga huwa jixtriha minghand wiehed maghruf bl-isem ta' Fernando. Huwa ndika lil Fernando bhala l-persuna li kienet fl-awla izjed kmieni meta saret il-prezentata tieghu u kkonferma illi l-persuna fir-ritratt muri lilu huwa l-istess Fernando u cioe` l-persuna li taghtih l-*ecstasy.* Qal illi fil-fatt din il-persuna kemm il-darba taghtu l-*ecstasy* sabiex huwa jbieghha. Mistoqsi fejn kien jiltaqa' mieghu, huwa qal illi mhux dejjem l-istess, izda li l-ahhar li kien iltaqa' mieghu kien hdejn Triq Annibale Preca, fejn id-dar tieghu gewwa Hal Lija. Huwa kien jixtri l-*ecstasy* bil-prezz ta' Eur 5 u jbieghhom Eur 10 il-wahda. L-ahhar darba li huwa kien xtara l-*ecstasy* minghand Fernando kien nhar il-Gimgha ta' qabel ghall-habta tal-4.00 p.m. u xtara xi 27 pillola minghandu u cioe` l-istess pilloli li sabu fuqu l-pulizija. Xehed ukoll illi meta huwa ltaqa' ma' Fernando fil-jum imsemmi, l-istess Fernando kien ma' xi hbieb tieghu. Fernando kien bil-karozza ta' siehbu, karozza bajda, li l-ghamla taghha ma kienx jafha. Sieheb Fernando jismu David u kien jaf li huwa minn B'Kara u li dan ghandu xi tpingija. Ix-xhud ikkonferma wkoll il-kontenut tal-istqarrija rilaxxjata minnu lill-Ufficjal Investigatur fit-8 ta' Settembru 2008.

F'din l-istqarrija[7], mistoqsi jekk jihux xi droga, huwa wiegeb fl-affermattiv u qal li gieli ha *ecstasy* u gieli ha haxixa. Dwar l-*ecstasy* qal illi beda jiehu din id-droga xi sitt xhur qabel u li kien ilu ma jiehu xi tlett gimghat. Kien jiehu tlitt pilloli f'xi *party.* Huwa kkonferma illi matul il-lejl ta' qabel, huwa kien diehel *Numero Uno,* saritlu tfittxija u gie arrestat ghaliex kellu 27 pillola fuqu. Huwa kien behsiebu jbieghhom gewwa *Numero Uno* bil-prezz ta' Eur 10, wara li kien

[6] A fol. 4 tal-*proces verbal* li jinsab esebit a fol. 45 tal-process.
[7] A fol. 8 sa 10 tal-*proces verbal.*

xtrahom bil-prezz ta' Eur 5 il-wahda. Qal li dawn il-pilloli kienu tieghu u li l-profitt li kien ser jaghmel kien ghalih. Qal li huwa xtara dawn il-pilloli minghand Fernando li joqghod l-Iklin. Apparti din id-darba li fiha nqabad mill-pulizija, huwa kien biegh l-*ecstasy* darb'ohra gewwa Paceville, xi xahar qabel. Anke f'din l-okkazzjoni kien gab l-*ecstasy* minghand Fernando u dakinhar kellu bejn ghaxra u ghoxrin. Lil Fernando kien hallsu Eur 135 nhar il-Gimgha u fl-okkazzjoni precedenti, kien hallas xi haga l-istess. L-Ufficjal Investigatur f'dan il-punt gibidlu l-attenzjoni li allura ma kellux bejn ghaxar u ghoxrin pillola, izda xi 27 pillola u huwa wiegeb fl-affermattiv. Huwa qal illi Fernando ma jsuqx u illi huwa beda jixtri l-*ecstasy* minghand Fernando meta beda jixtri ghalih sabiex jabbuza minnha hu, jigifieri minn xi sitt xhur qabel. Kien iltaqa' mieghu l-Iklin, mhux in konnessjoni ma' droga u sar jafu. Sar jaf ukoll li jkollu l-*ecstasy* u meta beda jabbuza minnha, kellem lil Fernando biex jixtri minghandu. Mistoqsi xi droga kien ibiegh Fernando, huwa qal illi huwa xtara *ecstasy* biss minghandu u ma kienx jaf jekk ibieghx xi droga ohra. Huwa ndika wkoll in-numru tal-*mobile* ta' Fernando u qal illi kien icempillu u jixtri. Fernando mhux dejjem kien ikollu droga.

L-istess **Anthony Esposito** xehed quddiem din il-Qorti, kif diversament preseduta, fis-seduta tat-3 ta' Frar 2012[8]. Mistoqsi x'kien qal lill-pulizija dwar l-imputat, huwa qal illi ma kienx jiftakar ezatt ghax il-kaz sehh snin ilu u ma riedx jghid kliem b'iehor. Qal illi kellu biss kaz wiehed in konnessjoni ma' droga. Qal illi l-kaz tieghu kien jikkoncerna traffikar ta' droga. Mistoqsi kif kien dahal l-imputat fl-istorja, huwa qal illi huma kienu ltaqghu u kienu tnejn min-nies, jigifieri kien hemm l-imputat u persuna ohra mieghu. Qal illi ghaddielu l-affarijiet. Mistoqsi min ghaddielu l-affarijiet, huwa qal illi dawn "*kienu hemm hekk u jien qbadt u hadthom. Hadd ma tahomli f'idi.*"[9] Ma kienx jaf ta' min kienu l-affarijiet. Mistoqsi kif l-imputat kien dahal fl-istorja, huwa qal "*ghax mieghu ddiljajt hux*"[10] u dan b'referenza ghall-pilloli *ecstasy* u ghall-fatt li kien 'iddilja' mal-imputat sabiex igiblu din id-droga. Wara dan id-*deal*, l-imputat mar ma' iehor bil-karozza u tahomlu. Qal illi huwa biegh dawn l-*ecstasy*

---

[8] A fol. 105 sa 120 tal-process.
[9] A fol. 109 tal-process.
[10] A fol. 110 tal-process.

ghalkemm ma bieghhomx kollha. Ma kienx jiftakar kif kien iltaqa’ mal-imputat qabel il-kaz, ghalkemm kien jafu u kien ilu jafu.

In kontro-ezami, ix-xhud qal illi huwa inghata u skonta sentenza ta’ sitt xhur prigunerija dwar dan il-kaz u li ma kienx appella minn din is-sentenza. Qal li ma kienx jiftakar jekk kienx inghad lilu li jekk jikxef il-fornitur tieghu, huwa kien ser jibbenefika fil-piena u l-Artikolu 29 qatt ma sema’ bih. Qal li ma hax beneficcju talli kixef lill-fornitur tieghu, izda wara qal li ma jiftakarx ezatt jekk kienx inghad lilu illi jekk jikxef lil xi hadd, huwa jista’ jibbenefika fil-piena. Mistoqsi kif kien identifika lill-imputat minn wiccu, huwa rega’ qal illi huwa kien ‘iddilja’ mieghu u li sabiex identifikah, il-pulizija tawh biss ritratt tal-imputat, li ma giex muri ritratti ta’ persuni ohrajn u li lanqas ma saret *ID parade.* Mistoqsi kemm kien ilu jitraffika d-droga, huwa qal li din kienet l-ewwel darba, u mistoqsi kienx jabbuza mid-droga, huwa wiegeb fin-negattiv. Rega’ qal li traffika darba u qal li qatt ma ha *ecstasy* u li l-pilloli li nstabu fuqu kien qed juzahom biss biex ibieghhom. Mistoqsi kienx jiftakar min kien il-persuna l-ohra, apparti l-imputat, li kien iltaqa’ maghha, huwa wiegeb fin-negattiv. Qal li ma jiftakarx li kien semma lil certu David u li dan kellu t-tpingija fix-xhieda tieghu quddiem il-Magistrat Inkwerenti u li m’ghandux idea min hu. Lanqas ma kien jiftakar li meta kellem lill-pulizija u lill-Magistrat Inkwerenti, huwa kien jaf li dan kien jismu David. Ma kienx jaf min hu David u ma jaf lil hadd bl-isem ta’ David fid-dinja tad-droga. Izda kien jiftakar li l-imputat kien ma’ xi hadd ghalkemm ma jiftakar xejn fuq din il-persuna. Meta gie ssuggerit lilu illi effettivament huwa kien xtara d-droga minghand David, li huwa kien jaf sew min kien meta kkonferma l-istqarrija tieghu quddiem il-Magistrat Inkwerenti, izda li huwa kien jibza’ minn dan David u li qed iwahhal fl-imputat ghaliex l-imputat huwa bniedem li ma jbezzghux, huwa wiegeb *“m’ghandux x’jaqsam”*[11]. Dwar dan mistoqsi mill-Qorti x’ried jghid biha meta huwa wiegeb li m’ghandux x’jaqsam li minn David kien jibza’ u mill-imputat ma jibzax, huwa wiegeb li kienu t-tnejn li huma fil-karozza, kien hemm id-droga u hadha, halla l-flus hemm u telaq, izda ma kienx jaf ta’ min kienet id-droga. Rega’ qal li fuq it-tieni persuna ma kien jiftakar xejn. Il-pulizija lanqas ma kienu wrewh ritratt ta’ dan David.

[11] A fol. 118 tal-process.

Fl-istqarrija rilaxxjata minnu fit-8 ta' Settembru 2008[12], wara li nghata d-debita twissija, l-imputat qal illi huwa jahdem bhala *salesman* u li dak iz-zmien, huwa kien jabbuza mill-kokaina. Sa xi tlett snin qabel, huwa kien jabbuza wkoll mill-*ecstasy*, izda li dak iz-zmien ma kienx baqa' juza l-*ecstasy* ghaliex ma kienx baqa' johrog. Qal ukoll illi kien abbuza mill-eroina xi erba' darbiet, izda ma tantx ghogbitu. Mistoqsi kemm kien jiehu kokaina ta' spiss, huwa qal illi kemm ikollu flus johroghom ghall-kokaina u kkonferma li kien jghix u jahdem ghal din id-droga. Mistoqsi kif kien jixtri l-kokaina, huwa qal li jcempel lill-fornitur tieghu jew ihabbatlu l-bieb, dan jaqdih, huwa jhallsu u jitlaq. Qal ukoll illi jekk ma jhallsux, huwa jkollu d-dejn. Qal illi kien fadallu madwar Lm400 bhala dejn fuq droga u li kellu jaghti lil xi zewg persuni. Mistoqsi kienx ibiegh kokaina, huwa wiegeb fin-negattiv u qal illi kien biss jabbuza minnha. Meta gie ssuggerit lilu illi huwa jbiegh id-droga u meta gie mistoqsi x'kien ibiegh, l-imputat ghazel li ma jwegibx. Dwar il-pilloli li nstabu fil-kamra tieghu, l-imputat wiegeb li dawn kienu tieghu u li kien xtrahom is-sena ta' qabel, bil-prezz ta' madwar Lm6 ghal mitt pillola u li dawn kien juzahom meta kien imur il-*gym*, izda qal ukoll illi kien ilu ma jmur il-*gym* xi tlett snin. Meta gie ssuggerit lilu illi minbarra li jbiegh id-droga, huwa jirranga bejn zewg persuni ghall-bejgh ta' droga specjalment *ecstasy*, l-imputat ma wegibx. Mistoqsi kienx jaf lil xi hadd ta' sittax-il sena minn Hal Lija li ried jixtri l-*ecstasy* fil-granet li ghaddew, l-imputat rega' ma wegibx u meta gie ssuggerit lilu li biegh l-*ecstasy* lil din il-persuna f'dawn l-ahhar jiem, huwa lanqas ma wiegeb. L-imputat ghazel li ma jiffirmax l-istqarrija minnu rilaxxjata.

Fix-xhieda moghtija minnu quddiem il-Qorti kif diversament preseduta[13], **l-imputat** qal illi xi tlieta jew erba' snin ilu huwa kellu l-vizzju tad-droga u illi minn dakinhar huwa *clean*. B'referenza ghall-kaz in ezami, huwa qal illi huwa kellu jaghti xi flus lil wiehed jismu David u kien jaghtih il-flus ftit, ftit. Kien cempillu u ftehmu li jiltaqghu hdejn l-Ghassa ta' B'Kara. Peress illi huwa ma kellux karozza, mar jiltaqa' ma' dan David bil-mixi u rikeb fil-karozza mieghu, biex iwasslu lura. Hallsu xi haga milli kellu jaghtih in konnessjoni mal-kokaina li kien jixtri minghandu dak iz-zmien, ghall-uzu tieghu. Qal illi huwa jafu lil

[12] A fol. 27 u 28 tal-process.
[13] A fol. 123 sa 136 tal-process.

Anthony Esposito ghaliex kien jaf lill-ohtu mill-Iklin. Qal illi kien sar jafu tramite habib komuni u li ma kinux xi hbieb, izda sempliciment kien jafu. Kemm hu, kif ukoll Esposito kellhom problema ta' droga.

L-imputat xehed illi dakinhar li kien fil-karozza ma' David, dan tal-ahhar qallu biex imur mieghu jaghmel qadja u li mbaghad kien ser iwasslu lura. Gieli kien ghadda ghalih anke fuq il-post tax-xoghol u wara li l-imputat kien jaghtih xi haga tal-flus, David kien iwasslu d-dar. Ma kellux relazzjoni hazina ma' David. Dakinhar, qabel ma wassal lill-imputat id-dar, David ghadda hdejn Esposito, x'imkien lejn H'Attard. Esposito xtara l-pilloli *ecstasy* minghand David. Qal illi Esposito kien fuq wara tal-karozza, fil-waqt illi huwa stess kien qieghed passiggier quddiem. David ghadda l-pilloli lil Esposito, Esposito hallsu, David nizzel lil Esposito mill-vettura u mbaghad wassal lilu d-dar. Qal illi jekk ma kienx sejjer zball, David kien bieghlu xi hamsin pillola, izda ma kienx jaf kemm ghaddew flus. Qal illi David tella' lil Esposito fil-karozza u saq bicca sakemm irrangaw, u wara rega' nizzlu fl-istess post.

Huwa qal illi gewwa r-residenza tieghu, il-Pulizija sabu xi zewg boroz imcappsin bil-kokaina, li kien diga` abbuza minnha. Sabu wkoll xi pilloli tal-*gym* u cioe` *steroids*, liema pilloli huwa kien xtrahom minn go hanut. Fid-dar ma sabulu xejn izjed, hlief xi Eur 10. Huwa cahad illi lil Esposito kien qatt bieghlu xi droga. Minghand David huwa kien jixtri l-kokaina u ghalkemm kien ihallsu, dejjem kien ikollu jaghtih il-flus b'lura. Allura kien jiltaqa' mieghu sabiex jaghtih xi haga tal-flus, David jghaddi ghalih u imbaghad iwasslu.

In kontro-ezami, l-imputat qal illi huwa kien ilu jaf lil Esposito ghal xi xhur. Mistoqsi kemm il-darba kien ikun fil-karozza ma' David, huwa wiegeb madwar darba kull hmistax ghax meta kien jircievi l-paga, dejjem kien jaghtih xi haga. Mistoqsi jekk kienx jiltaqa' ma' David anke mhux in konnessjoni mad-droga, huwa qal li David gieli tah *lift* anke minn Paceville, meta ma kienx ikollu ma' min jinzel lura. Ikkonferma li cahad li lil Esposito qatt tah droga u anke innega li Esposito qatt kien tah flus dwar droga. Esposito lanqas ma tah flus biex hu

jaghtihom lil haddiehor in konnessjoni ma’ droga. Meta gie issuggerit lilu illi kien hemm izjed minn okkazzjoni wahda li fiha huwa ltaqa’ ma’ Esposito dwar droga, huwa innega dan u qal li din kienet l-ewwel darba li ltaqa’ mieghu, ghaliex kien riekeb ma’ David b’kumbinazzjoni u meta gie issuggerit lilu illi dan l-inkontru bejn Esposito u David kien irrangah hu stess, huwa nnega dan u qal illi huwa kien anke ta l-*mobile* lill-pulizija u qalilhom sabiex ifittxu fih ghax ma kellux x’jahbi. Huwa kien jafhom it-tnejn, izda m’ghamel l-ebda arrangamenti. Rega’ kkonferma illi huwa ra lil David jghaddi d-droga, li kien jaf li kienu pilloli *ecstasy* ghaliex rahom gewwa borza u qal li David kien habib tieghu, li kien jixtri d-droga minghandu, jaf ma’ min kien ikun u li kien jaf il-laqam tieghu.

**Ikkunsidrat ukoll:**

F’dan il-kaz, il-Qorti hija rinfaccjata b’zewg verzjonijiet opposti ossia dik tax-xhud Anthony Esposito, li jghid illi akkwista/innegozzja dwar il-pilloli *ecstasy* li nstabu fil-pussess tieghu fil-lejl ta’ bejn is-7 u t-8 ta’ Settembru 2008 minghand l-imputat u anke, skond ix-xhieda guramentata tieghu quddiem il-Magistrat Inkwerenti, li akkwista l-pilloli *ecstasy* minghandu fi zminijiet qabel u dik tal-istess imputat li jinnega illi huwa qatt biegh xi *ecstasy* jew anke irranga sabiex jinbieghu pilloli *ecstasy* minn terzi lil Esposito u li fil-fatt kienet l-istess terza persuna li kienet tforni lilu bid-droga kokaina, li forniet lil Esposito bil-pilloli *ecstasy* li nstabu fil-pussess tal-istess Esposito fil-lejl imsemmi. Ix-xhieda ta’ Anthony Esposito hija l-unika prova li ngabet kontra l-imputat f’dawn il-proceduri, in kwantu jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni ta’ traffikar ta’ pilloli *ecstasy*. Minn tfittxija li saret fir-residenza tal-imputat fl-istess lejl li gie arrestat l-istess Esposito, ma nstabux pilloli *ecstasy.* Biss fil-pussess ta’ Esposito instabu 27 pilloli li, skond il-konkluzjonijiet tal-espert Mario Mifsud, kienu jikkontjenu s-sustanza MDMA.

Qabel ma tghaddi sabiex tevalwa l-provi li tressqu quddiemha dwar l-ewwel imputazzjoni, fir-rigward tas-sottomissjonijiet li saru mid-difiza fil-mori ta’ dawn il-proceduri u quddiem il-Qorti kif diversament preseduta, fis-sens illi x-

xhieda guramentata ta' Anthony Esposito moghtija quddiem il-Magistrat Inkwerenti, ma kinitx ammissibbli u dan ghaliex il-Prosekuzzjoni kienet lahqet ghalqet il-provi taghha minghajr ma ressqet lill-istess xhud sabiex jixhed quddiem il-Qorti, jigi rilevat illi din il-Qorti, kif diversament preseduta, iddecidiet dan il-punt permezz tad-digriet taghha tas-7 ta' Lulju 2011 u li ghalhekk din il-Qorti kif preseduta, ser tiddeciedi dwar il-htija o meno tal-imputat a bazi tal-provi kollha migjuba quddiem din il-Qorti, inkluz ghalhekk ix-xhieda guramentata ta' Esposito quddiem il-Magistrat Inkwerenti, kif ukoll ix-xhieda tal-istess Esposito quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Illi kollox jiddependi fuq il-kwistjoni tal-kredibilita` li ghandha tinghata lix-xhud ewlieni tal-Prosekuzzjoni ossia Anthony Esposito, li huwa kategoriku meta jghid li huwa kien xtara l-pilloli *ecstasy* minghand l-imputat jew li nnegozja mal-istess imputat sabiex jixtri l-istess pilloli. Skond l-Artikolu 638(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, f'kull kaz, ix-xhieda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar. L-Artikolu 637 imbaghad jiddisponi illi f'kwistjonijiet li jolqtu l-kredibilita` ta' xhud, ghandu jittiehed qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa, jekk hix konsistenti u ta' fattizzi ohra tax-xhieda tieghu, jekk dik ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Gie imbaghad ritenut illi mhux kull kunflitt fil-provi jwassal necessarjament ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata, imma l-gudikant irid jara lil min ser jemmen u f'hiex ser jemmnu u ma jemmnux, tenut kont tal-kriterji kontenuti fl-Artikolu 637 appena imsemmija (Qorti tal-Appell Kriminali, **Il-Pulizija vs Joseph Thorne**, deciza fid-9 ta' Lulju 2003).

In oltre skond l-Artikolu 30 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta persuna tkun xtrat jew xort'ohra kisbet jew akkwistat medicina bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-istess Ordinanza, ix-xhieda ta' dik il-persuna fi procedimenti kontra l-persuna li minghandha tkun xtrat, kisbet jew akkwistat il-medicina, m'ghandhiex ghalfejn tkun korroborata b'cirkostanzi ohrajn. Imbaghad skond l-Artikolu 30A tal-Kap. 101, minkejja d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 661 tal-Kap.

9, meta xi persuna tkun involuta f'xi reat kontra dik l-Ordinanza, kull dikjarazzjoni maghmula minn dik il-persuna u li tigi konfermata bil-gurament quddiem magistrat, tista tingieb bi prova kontra kull persuna ohra akkuzata b'reat kontra l-imsemmija Ordinanza, kemm il-darba jinstab li dik id-dikjarazzjoni tkun saret jew inghatat volontarjament u ma gietx imgieghla jew mehuda b'theddid jew biza', jew b'weghdiet jew twebbil ta' vantaggi.

Il-Qorti fliet bir-reqqa l-istqarrija ta' Esposito, li giet ikkonfermata minnu bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwerenti, kif ukoll ix-xhieda guramentata tieghu quddiem l-istess Magistrat Inkwerenti u x-xhieda moghtija minnu f'dawn il-proceduri u hasbet fit-tul fir-rigward taghhom. In oltre, stante illi l-istess xhud ma xehedx quddiem din il-Qorti kif preseduta, u ghalhekk din il-Qorti ma kellhiex l-opportunita` li tifli direttament il-komportament tieghu fuq il-pedana tax-xhieda, il-Qorti semghet ukoll ir-*recording* tax-xhieda tal-istess Esposito.

Din il-Qorti fil-fatt temmen il-verzjoni ta' Anthony Esposito u dan minkejja illi huwa kien kemm xejn riluttanti fix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri u minkejja wkoll illi l-Qorti nnutat xi inkonsistenzi fix-xhieda tieghu - inkonsistenzi madankollu li m'humiex tali li jqanqlu dubju ragjonevoli f'mohh il-Qorti dwar il-htija tal-imputat. Il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni dak li qalet din il-Qorti, kif diversament preseduta, fis-sentenza taghha tat-12 ta' Mejju 2006, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Masoud Albuweiser</u>** fis-sens illi:

*"Verament l-istqarrija guramentata taht il-Kap. 101 tiskapula certu regoli naxxenti taht il-Kap. 9. Verament ukoll tista' tigi kontradetta minn fatturi varji u spetta lill-Qorti Gudikanti li mill-assjem tal-provi taghtiha dak il-valur probatorju li jixirqilha. Ghalhekk il-Qorti se ticcita sentenza … fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Pierre Gravina**, 26 ta' Mejju, 2003, Appell Kriminali 14/2003 fejn il-Qorti qalet hekk fil-konfront ta' stqarrija guramentata:*

*"S'intendi, dan ma jfissirx li jekk ix-xhud, meta jigi ezaminat ibiddel jew jirritratta minn dak li jkun qal fid-dikjarazzjoni guramentata, allura dik id-dikjarazzjoni (jew il-parti mibdula jew ritrattata) ma tkunx aktar tista' tittiehed bhala prova kontra l-akkuzat, il-gudikant jista' xorta wahda, wara li jkun sema' x-xhud, jasal ghall-konkluzjoni li l-verita` hija dik kontenuta fl-istqarrija guramentata u mhux dak li jkun iddepona fil-Qorti x-xhud. Ifisser biss li, bhala regola, min ikun ghamel tali stqarrija guramentata ghandu jingab il-Qorti ghall-fini ta' kontroll da parti ta' l-akkuzat jew l-imputat*".

Il-Qorti nnutat is-segwenti inkonsistenzi fil-verzjoni ta' Esposito:

1. Fl-istqarrija tieghu mehuda fit-8 ta' Settembru 2008 u sussegwentement ikkonfermata minnu bil-gurament fid-9 ta' Settembru 2008, Esposito jghid illi huwa kien xtara l-pilloli *ecstasy* minghand l-imputat sabiex ibieghhom f'zewg okkazzjonijiet u cioe` darba xi xahar qabel l-incident li fih gie arrestat u nhar il-Gimgha (5 ta' Settembru 2008) u cioe` jumejn qabel l-istess Esposito nstab fil-pussess ta' dawn il-pilloli. Sussegwentement, fid-9 ta' Settembru 2008, quddiem il-Magistrat Inkwerenti, Esposito jghid illi l-imputat kemm il-darba tah il-pilloli *ecstasy* sabiex huwa jbieghhom apparti li jghid ukoll illi huwa kien ilu jbiegh l-*ecstasy* ghal dawn l-ahhar gimghatejn. Fix-xhieda tieghu imbaghad f'dawn il-proceduri, huwa jghid li traffika d-droga darba.

2. Fl-istqarrija tieghu tat-8 ta' Settembru 2008, Esposito jghid illi huwa beda jabbuza mill-*ecstasy* madwar sitt xhur qabel izda kien ilu ma jiehu din id-droga ghal madwar tlett gimghat. Jghid ukoll illi kien jiehu tlett pilloli f'xi *party* u li din id-droga ghall-uzu personali tieghu kien jixtriha minghand l-imputat. Fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti, Esposito mistoqsi kienx jabbuza mid-droga wiegeb fin-negattiv u jghid li traffika darba biss u mistoqsi jekk huwa kienx qatt ha *ecstasy* u dan b'referenza ghal dan il-kaz, huwa rega' wiegeb fin-negattiv. Biss wara kkonferma illi l-pilloli li nstabu fuqu kien qed juzahom biss sabiex ibieghhom li jittalja perfettament ma' dak li kien qal fil-bidu fl-istqarrija tieghu.

3. Fil-waqt illi fix-xhieda guramentata quddiem il-Magistrat Inkwerenti, Esposito jghid illi meta huwa ltaqa' mal-imputat (nhar il-Gimgha, 5 ta' Settembru 2008) sabiex jixtri d-droga, l-istess imputat kien bil-karozza ta' siehbu u cioe` certu David minn B'Kara li kellu t-tpingija, fix-xhieda

> tieghu matul dawn il-proceduri, Esposito jghid illi ghalkemm jiftakar li kienu tnejn min-nies fil-karozza u cioe` l-imputat u persuna ohra, huwa jghid li ma jiftakarx min kien il-persuna l-ohra, li ma jiftakarx li kien semmieh quddiem il-Magistrat Inkwerenti u li ma kienx jaf lil dan David.

Biss ghalkemm kif diga` inghad, Esposito kien riluttanti fix-xhieda moghtija minnu f'dawn il-proceduri, u wara li qieset ukoll l-inkonsistenzi hawn fuq imsemmija, il-Qorti qieset is-segwenti fatturi meta giet biex tevalwa il-kredibilita` tal-istess Esposito. Fl-ewwel lok, *a tempo vergine* hekk kif huwa inqabad fil-pussess tal-pilloli *ecstasy*, ix-xhud mill-ewwel indika lill-imputat bhala l-fornitur tieghu u sahansitra wera lill-pulizija fejn kien jirrisjedi l-istess imputat ftit tal-hin wara li nqabad huwa stess u cioe` fit-3.00 a.m. (tat-8 ta' Settembru 2008) u qabel ma rrilaxxja l-istqarrija tieghu bil-miktub lill-Ufficjal Investigatur fl-10.30 a.m. tal-istess jum. L-istqarrija tal-imputat imbaghad giet mehuda fis-2.16 p.m. tal-jum imsemmi. In oltre ix-xhud baqa' konsistentement jindika lill-imputat bhala l-fornitur tieghu u anke ta certi dettalji dwar kif kien iltaqa' mal-imputat u kif kien beda jakkwista l-*ecstasy* minghandu u cioe` ghall-ewwel ghall-uzu personali tieghu, u kif baqa' jakkwista minghandu anke meta l-istess Esposito xtara l-*ecstasy* sabiex ibieghha. Ghalkemm fix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri, huwa spjega kif iltaqghu mieghu tnejn min-nies – u cioe` l-imputat u terza persuna - u li huwa sempliciment ha d-droga minn fejn kienet qeghda minghajr hadd ma tahielu f'idejh, halla l-flus hemm u telaq u li ma jafx ta' min kienet din id-droga u cioe` jekk kinitx tal-imputat jew tat-terza persuna – huwa jerga' jghid ukoll illi dwar din id-droga huwa kien innegozja mal-imputat. Ghalhekk anke jekk Esposito ma kienx jaf ta' min kienet id-droga li kien akkwista f'din l-ahhar okkazzjoni meta l-imputat kien akkumpanjat minn terza persuna, wiehed jista' jifhem ghalfejn Esposito indika lill-imputat bhala l-fornitur tieghu u mhux lit-terza persuna – u dan ghaliex kif spjega huwa stess huwa kien innegozzja mal-imputat dwar din id-droga u fil-fatt l-imputat kien prezenti meta Esposito ha d-droga mill-vettura in kwistjoni. Dan apparti li skond dak li qal Esposito fix-xhieda tieghu quddiem il-Magistrat Inkwerenti, l-imputat kien fornieh bil-pilloli *ecstasy* f'okkazzjonijiet precedenti – anzi kien dejjem l-imputat li fornieh b'din id-droga – u ghalhekk tenut kont ta' dawn ic-cirkostanzi, anke jekk ma kienx l-imputat li fizikament ghadda d-droga lil

Esposito dakinhar tal-5 ta' Settembru 2008, Esposito kellu kull ragun li jippercepixxi lill-imputat bhala l-fornitur tieghu anke f'dik l-okkazzjoni.

Id-difiza da parti taghha ssostni illi Esposito indika lill-imputat bhala l-fornitur tieghu meta fil-fatt il-fornitur kien it-terza persuna u cioe` certu David li kien fil-kumpanija tal-imputat fl-okkazzjoni li fiha gew mghoddija lil Esposito il-pilloli li sussegwentement instabu fil-pussess tal-istess Esposito. It-tezi tad-difiza, kif jirrizulta anke mill-kontro-ezami ta' Esposito, hija li fil-fatt Esposito xtara l-pilloli minghand din it-terza persuna, izda stante li l-istess Esposito kien jibza' minn dan, huwa tefa' l-htija fuq l-imputat. Issa apparti illi Esposito fil-kontro-ezami tieghu innega li dan kien il-kaz, fis-sens illi huwa wiegeb illi "*m'ghandux x'jaqsam*" dak li kien qed jigi suggerit lilu mid-difiza, u apparti li l-Qorti m'ghandha l-ebda indikazzjoni dwar min hu dan David, ghalkemm id-difiza tissottometti li dan David huwa xi bniedem ta' qattghani, il-Qorti qieset ukoll illi *a tempo vergine*, quddiem il-Magistrat Inkwerenti Esposito fil-fatt kien indika illi l-imputat kien akkumpanjat minn certu David u ta wkoll certi dettalji dwaru u cioe` li kien minn Birkirkara u li kellu xi tpingija. Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti, jekk Esposito kien tant jibza' minn dan David, huwa lanqas ma kien ser isemmih b'ismu u jirreferi ghad-dettalji li kien jaf dwaru quddiem il-Magistrat Inkwerenti. Ghalhekk il-Qorti tqis illi d-difiza lanqas ma rnexxielha turi sal-grad tal-probabbli illi fil-fatt Esposito indika lill-imputat bhala l-fornitur tieghu minhabba xi biza' li seta' kellu minn din it-terza persuna.

In oltre l-Qorti tqis il-verzjoni moghtija mix-xhud bhala kredibbli anke in vista tal-fatt illi meta huwa gie mistoqsi *a tempo vergine* mill-Ufficjal Investigatur kemm kien ilu jittraffika l-pilloli *ecstasy*, huwa qal ukoll illi kien traffika l-pilloli f'okkazzjoni precedenti gewwa Paceville, apparti li ammetta wkoll illi ghamel xi sitt xhur jabbuza mill-istess droga u li kien jiehu tlett pilloli f'xi *party*. Ma kienx il-kaz ghalhekk illi x-xhud kien qed jipprova jimmitiga ghalih inniffsu s-sitwazzjoni li kien jinsab fiha wara li nqabad fil-pussess tal-pilloli *ecstasy*, izda ammetta wkoll li kien traffika d-droga f'okkazzjoni ohra precedenti. L-inkonsistenzi li nnutat din il-Qorti fil-verzjonijiet ta' Esposito, fil-fehma tal-Qorti

ma jxejjnux il-kredibilita` tieghu in kwantu huwa jindika illi l-imputat kien ifornieh bil-pilloli *ecstasy.*

Il-Qorti kkunsidrat ukoll is-sottomissjoni tad-difiza fis-sens illi x-xhud kellu kull interess li jindika lill-imputat sabiex huwa jkun jista' jibbenefika minn riduzzjoni fil-piena. Ghalkemm il-Qorti certament tirrikonoxxi illi fil-waqt illi tali beneficcju jista' jkun perikoluz, ghalkemm fih ukoll il-vantaggi tieghu ghar-rigward tal-ghajnuna li jista' jipprovdi fil-glieda kontra d-droga, madankollu zgur illi ma jfissirx illi l-fatt illi wiehed ikun konxju illi jista' jibbenefika minn riduzzjoni fil-piena kemm il-darba huwa jikxef il-fornitur tieghu, allura necessarjament huwa m'ghandux jitwemmen dwar l-informazzjoni li huwa jaghti. Kif inghad il-Qorti fliet bir-reqqa il-provi kollha li tressqu quddiemha, inkluz naturalment ix-xhieda moghtija mill-imputat, izda in vista tal-kunsiderazzjonijiet taghha izjed il'fuq hija moralment konvinta illi Esposito kien fil-fatt jakkwista l-pilloli *ecstasy* minghand l-imputat u li fl-ahhar okkazzjoni, huwa kien innegozzja dwar il-pilloli *ecstasy* mal-istess imputat, u li ghalhekk anke jekk jista' jkun hemm dubju dwar kemm il-pilloli *ecstasy* mghoddija lil Esposito fl-ahhar okkazzjoni tal-5 ta' Settembru 2008, kienu fil-fatt tal-imputat, l-imputat kien certament laghab parti sostanzjali fil-provvista ta' dawn il-pilloli lil Esposito, liema agir ukoll jirrendi lill-imputat hati ta' traffikar tal-istess pilloli. Skond l-Artikolu 22(1B) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, anke l-ghoti ta' informazzjoni intiza biex twassal ghax-xiri ta' medicina bi ksur tal-Ordinanza jammonta ghal traffikar, *multo magis* ghalhekk li wiehed jinnegozja ma' persuna ohra sabiex dan tal-ahhar jigi provdut bid-droga.

Illi mbaghad dwar is-sottomissjoni tad-difiza fis-sens illi l-manjiera li biha Esposito identifika lill-imputat bhala l-fornitur tieghu billi gie muri biss ritratt wiehed tal-istess imputat, minghajr ma ntwera ritratti ohrajn ta' persuni ohrajn u minghajr ma saret *identification parade*, fil-fehma tal-Qorti ma tregix, ghaliex dan kien kaz fejn ix-xhud diga` kien jaf lill-imputat minn zmien qabel, identifikah hu stess b'ismu u sahansitra ndika wkoll ir-residenza tal-istess imputat u ghalhekk huwa gie muri ritratt tal-istess imputat sempliciment

sabiex huwa jikkonferma li kien qed jirreferi ghall-persuna indikata fl-istess ritratt.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-Prosekuzzjoni ppruvat sodisfacentement u lil hinn minn kull dubju ragjonevoli l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra l-imputat.

<u>It-tieni imputazzjoni – pussess aggravat tal-pilloli *ecstasy*</u>

Illi fir-rigward ta' din l-imputazzjoni, ghalkemm mix-xhieda ta' Esposito f'dawn il-proceduri, jirrizulta car illi fl-ahhar okkazzjoni li huwa kien akkwista l-pilloli *ecstasy,* u cioe` fil-5 ta' Settembru 2008, huwa kien innegozzja mal-imputat fir-rigward ta' dawn il-pilloli, madankollu, mill-istess xhieda hemm dubju dwar ta' min kienu dawn il-pilloli u cioe` jekk kinux jappartjenu lill-imputat jew lil terza persuna u konsegwentement jitqajjem dubju wkoll dwar jekk l-imputat kienx fil-fatt fil-pussess ta' dawn il-pilloli. Biss fir-rigward tal-okkazzjonijiet precedenti li jsemmi Esposito fl-istqarrija tieghu tat-8 ta' Settembru 2008, li giet ikkonfermatha minnu quddiem il-Magistrat Inkwerenti, Esposito jghid li huwa dejjem xtara l-pilloli *ecstasy* minghand l-imputat, li huwa sar jaf illi l-imputat ikollu l-pilloli *ecstasy* u li ghalhekk kellem lilu u beda jixtri minghandu. Kien biss fir-rigward tal-ahhar okkazzjoni li Esposito indika illi flimkien mal-imputat kien hemm terza persuna meta huwa akkwista l-pilloli *ecstasy*. Din it-terza persuna ma tissemma mkien minn Esposito fir-rigward tal-okkazzjonijiet precedenti. Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi gie ppruvat sal-grad rikjest fil-ligi, illi l-imputat huwa hati ta' pussess aggravat tal-pilloli *ecstasy*, in konnessjoni mal-okkazzjonijiet li fihom huwa provda lil Esposito b'dawn il-pilloli qabel il-5 ta' Settembru 2008 u matul ix-xhur ta' qabel din id-data, b'dan illi l-Qorti qeghda tqis illi r-reat ikkontemplat f'din l-imputazzjoni serva bhala mezz ghal fini sabiex seta' jigi kommess ir-reat fl-ewwel imputazzjoni ai termini tal-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. In oltre in vista tal-istqarrija tal-imputat, fejn huwa jammetti illi huwa kien jabbuza mill-pilloli *ecstasy* sa xi tlett snin qabel, huwa

qed jinstab hati wkoll ta' pussess semplici tal-istess pilloli *ecstasy* ghal dak li jirrigwarda l-perjodu bejn Settembru 2004 u Settembru 2005.

<u>It-tielet imputazzjoni – pussess illegali tad-droga kokaina</u>

Illi l-imputat ammetta din l-imputazzjoni waqt l-ezami tieghu u cioe` waqt is-seduta li fiha huwa tressaq taht arrest fid-9 ta' Settembru 2008. Ghaldaqstant, fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat u anke in vista tal-provi prodotti, il-Qorti qed issib lill-imputat hati ta' din l-imputazzjoni.

<u>Ir-raba' imputazzjoni – pussess illegali tad-droga eroina</u>

Illi fl-istqarrija rilaxxjata minnu fit-8 ta' Settembru 2008, l-imputat ammetta li huwa abbuza mid-droga eroina f'xi erba' okkazzjonijiet. Biss fl-istess stqarrija m'hemm l-ebda referenza ghaz-zmien li fih l-imputat abbuza minn din id-droga. Fil-waqt illi huwa stqarr illi sa tlett snin qabel, huwa kien jabbuza mid-droga *ecstasy* u li fiz-zmien tal-istqarrija kien jabbuza mill-kokaina, m'hemm l-ebda indikazzjoni dwar zmien ghal dak li jirrigwarda l-abbuz tal-eroina. Ghaldaqstant, ghalkemm din l-imputazzjoni tirreferi ghat-8 ta' Settembru 2008 u l-erba' snin ta' qabel din id-data, il-Qorti tqis illi ma giex ppruvat lil hinn minn kull dubju ragjonevoli illi l-imputat abbuza mid-droga eroina fl-imsemmi zmien.

**<u>Konsiderazzjonijiet Dwar il-Piena</u>**

Ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali tal-imputat li fiz-zmien tar-reati in kwistjoni ma kinitx wahda allarmanti u li baqghet l-istess fil-mori tal-proceduri, kif jirrizulta mill-fedina penali aggornata li giet esebita mill-Prosekuzzjoni.

Il-Qorti qieset ukoll illi kif jirrizulta mis-*Social Inquiry Report* li sar fir-rigward tal-imputat[14], il-progress tal-imputat kemm f'dak li jikkoncerna l-vizzju serju li huwa kellu ta' droga, kif ukoll ghal dak li jirrigwarda r-relazzjoni tieghu mal-genituri u mas-siehba tieghu, u anke ma' wliedu, kien wiehed sostanzjali, tant li l-imputat beda juri responsabilita` fit-trobbija ta' wliedu u anke jghinhom fl-aspett finanzjarju. Mid-dokument anness mal-istess rapport (a fol. 89), iffirmat minn *social worker* fi hdan l-Agenzija Sedqa u datat 10 ta' Gunju 2010, jirrizulta wkoll illi l-imputat beda jattendi ghal sessjonijiet gewwa l-istess Agenzija fit-22 ta' Marzu 2010 u f'dan iz-zmien huwa halla *urine samples* f'kull laqgha li attenda ghaliha. Il-hames *samples* li ttehdulu kollha rrizultaw negattivi ghal sustanzi lleciti. Minn rapport tal-Ufficjal tal-*Probation*, Charisse Boffa,ipprezentat fit-30 ta' Jannar 2013[15], jirrizulta wkoll illi l-imputat issottometta ruhu ghal erba' testijiet tal-urina mis-27 ta' Novembru 2012 il'quddiem, liema testijiet ilkoll irrizultaw fin-negattiv. Jirrizulta wkoll illi skond l-informazzjoni li kisbet l-istess Ufficjal tal-*Probation* minghand il-*keyworker* li kellu l-imputat fi hdan l-Agenzija msemmija, is-sessjonijiet mal-imputat kienu ntemmu ghaliex kien jidher li hareg mill-vizzju tad-droga u ghaldaqstant ma nhassx il-bzonn illi huwa jibqa' f'kuntatt mal-Agenzija. L-istess Ufficjal tal-*Probation* ipprezentat tlett rapporti ohrajn fl-1 ta' April 2013[16], fis-27 ta' Mejju 2013[17] u fil-11 ta' Frar 2014[18] rispettivament, fejn regghet ikkonfermat il-progress tal-imputat, illi b'kollox sad-data tal-ahhar rapport kienu ttehdulu tlettax-il test tal-urina li kollha rrizultaw fin-negattiv u li stante li l-imputat kien ilu ma jabbuza mid-droga ghal tul ta' zmien, gew indirizzati aspetti ohrajn tal-hajja tieghu. Dwar il-progress notevoli li ghamel l-imputat u l-bidla fl-attegjament tieghu, xehdu wkoll il-genituri tieghu.[19]

Min-naha l-ohra, il-Qorti qieset ukoll illi l-imputat ma traffikax id-droga *ecstasy* f'okkazzjoni wahda, u li fl-ahhar okkazzjoni traffika 27 pillola. Qieset ukoll illi minkejja illi fl-ewwel udjenza tad-9 ta' Settembru 2008, gie ddikjarat mill-Ufficjal Prosekutur illi l-imputat kien ser ikun involut f'*controlled delivery* ta'

[14] A fol. 77 *et seq* tal-process.
[15] A fol. 138 tal-process.
[16] A fol. 143 tal-process.
[17] A fol. 146 tal-process.
[18] A fol. 165 tal-process.
[19] A fol. 149 *et seq* tal-process.

droga, madankollu sussegwentement, il-Qorti baqghet ma nghatat l-ebda informazzjoni ulterjuri dwar jekk dan kienx fil-fatt sehh, u fl-ebda stadju ma gie dikjarat mill-Prosekuzzjoni illi l-imputat kellu jibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta (rez applikabbli ghall-Kapitolu 31 bis-sahha tal-Artikolu 120A(2B) tal-istess Kapitolu), bhal ma lanqas ingabet prova dwar dan mid-difiza.

Kif inghad izjed il'fuq, ghal fini ta' piena, il-Qorti applikat id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(h) fir-rigward tal-ewwel u t-tieni imputazzjoni, fis-sens illi qeghda tqis ir-reat ta' pussess aggravat ikkontemplat fit-tieni imputazzjoni bhala mezz ghal fini sabiex seta' jigi kommess ir-reat fl-ewwel imputazzjoni. In oltre il-Qorti qeghda tapplika wkoll id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(i) u (ii) tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 3(1) tal-Avviz Legali 22/1985, it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikoli 17(f) u (h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat **mhux hati** tal-imputazzjoni (d) migjuba kontra tieghu u qed tilliberah minnha, b'dan illi qed issibu **hati** tal-imputazzjonijiet (a), (b) u (c) u fir-rigward tal-imputazzjoni (b), kemm dwar pussess aggravat (fix-xhur ta' qabel il-5 ta' Settembru 2008), kif ukoll dwar pussess semplici (bejn Settembru 2004 u Settembru 2005) ta' medicina psikotropika u ristretta (*ecstasy*) u tikkundannah ghal piena ta' **tminn (8) xhur prigunerija effettiva –** li minnhom irid jitnaqqas kull zmien li l-hati ghamel taht arrest preventiv biss in konnessjoni mar-reati li hawn instab hati taghhom – u **multa ta' elf Euro (€1000)** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt Euro (€100). L-ewwel pagament ghandu jsir fi zmien xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b'din is-sentenza erogata, u ghal dan

il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero` jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) jew parti minnhom dovuti.

In oltre, il-Qorti tordna lill-hati jhallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti a tenur tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta bis-segwenti mod stante illi l-ispejjez jikkoncernaw droga misjuba wkoll fil-pussess ta’ terza persuna apparti l-hati u cioe` nofs l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-espert forensiku Mario Mifsud, ammontanti ghas-somma ta’ tlett mija, sebgha u ghoxrin Euro u tmienja u tletin centezmu (€327.38) u nofs l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tas-*Scene of Crime Officer,* PS 404 Paul Camilleri, ammontanti ghas-somma ta’ sitta u ghoxrin Euro u ghoxrin centezmu (€26.20), liema spejjez jammontaw ghal total ta’ tlett mija, tlieta u hamsin Euro u tmienja u hamsin centezmu (€353.58). Dawn l-ispejjez ghandhom jithallsu fi zmien sena mil-lum, b’dan illi jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ jum habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

Finalment, il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga u l-oggetti kollha relatati mal-abbuz tad-droga, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta’ din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------